TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1232

KAZ NRU. 1389

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmelo Sammut

u

Palm Court Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 29 ta' Ottubru 2001

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 3 ta' Novembru 1999 b'referenza MSP/TI/88/99 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 15-il seduta.

Carmelo Sammut, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Melvyn Mifsud u Palm Court Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Robert Borg assistit mill-Avukat Ray Zammit.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li tkecca mill-impieg meta l-Kumpanija insistiet li ghandu jahdem 49 siegha fil-gimgha u hu oggezzjona. Il-Kumpanija sostniet li tterminat l-impieg ta' l-appellant meta dan irrifjuta li jkompli jaghmel xoghol li ghalih kien impjegat.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li Carmelo Sammut kien impjegat mal-Palm Court Limited (ta Robert Borg) li kienet topera l-Palm Court Hotel. Mill-1 ta' Mejju 1998 l-operazzjoni tal-Palm Court Hotel ghaddiet ghand kumpanija ohra, l-ICB, (tat-tfal ta' Robert Borg) u l-haddiema kollha, inkluz l-appellant, gew trasferiti ma din il-kumpanija. Xi gimghat wara l-appellant talab li jerga lura mal-Palm Court Limited u Robert Borg accetta li jiehdu lura. Sar arrangament bejn Palm Court Ltd. u ICB li l-appellant kellu jkompli jghin lill-couriers (ghal Palm Court Ltd.) u jaghmel xoghol ta' "entertainment" fil-Palm Court Hotel (ghall-ICB). Il-Palm Court Ltd. kellha thallas l-paga ta' l-appellant u l-ICB tirrifondilha zewg terzi ghax-xoghol li kien jaghmel ghall-lukanda.

F'Awissu 1999 l-appellant ma baqghax jghin lill-couriers. Wendy Brincat, courier, u Michael Smith, Manager, jghidu li l-appellant qallhom li ma jridx ikompli jaghmel dak ix-xoghol. L-appellant jghid li Robert Borg kien qabbdu jaghmel duty fir-restaurant u allura ma setghax jillarga biex jattendi meetings mal-couriers. Meta Robert Borg kien infurmat li l-appellant mhux se jattendi aktar meetings dan qallhom li allura ma ghandux bzonnu u jista jmur l-lukanda. Fil-fatt xi granet wara Michael Smith infurmah li kien spicca mill-impieg.

It-Tibunal , wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-Kaz, wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

- l-appellant ma baqghax jattendi meetings mal-couriers, l-uniku xoghol li kellu li kien konness mal-Palm Court Ltd. ;
- hu sostna li ma setghax jibqa jaghmel dan ix-xoghol ghaliex gie mqabbad jaghmel xoghol iehor minn Robert Borg izda ma gab ebda prova dwar dan ;
- l-appellant ma nfurmax lil Robert Borg, il-principal tieghu li mhux se jattendi meetings aktar izda lill-impjegata ohra, Wendy Brin cat. Din nfurmat lil Michael Smith, Manager, li qallha biex tinforma lil Robert Borg. Meta nfurmatu dan kellem lill-appellant izda ma jirrezultax x'intqal sewwa f'din il-konversazzjoni.
- Sussegwentement Michael Smith qal lill-appellant "you are no longer with us" kif ukoll "go with the boys". B'dan ried ifisser li ma kienx aktar impjegat ma Palm Court Ltd. u kellu jmur mal-ICB. B'hekk kien jithassar l-arrangament li bieh l-appellant kien rega' mar lura mal-Palm Court Ltd.
- Fil-fatt ma marx mal-ICB.

Dan juri li l-affarjiet ma sarux sewwa la minn naha ta' l-appellant u anqas minn naha tal-Kumpanija.

L-appellant kien gie trasferit ma l-ICB u talab li jerga' lura mal-Palm Court Ltd. ghax ma kienx jingieb ma wiehed mit-tfal ta' Robert Borg. Dan ikkuntentah u hadu lura ghalkemm ma kellux xoghol full-time ghalih wara li l-operat tal-lukanda ghaddiet ghand l-ICB. Meta l-appellant deherlu li mghandux ikompli jaghmel l-uniku xoghol li kien jiggustifika l-impieg mal-Palm Court Ltd. imissu rrejalizza li kien qed jipperikola tali mpieg. Barra minn hekk jekk kien hemm xi diffikultajiet dwar xoghol kellu jiddiskutihom mal-principal u mhux jinforma mpjegati li mhux se jkompli jaghmel certu xoghol. Dan specjalment wara li Robert Borg kien ikkuntentah meta hadu lura mal-kumpanija tieghu.

Minn naha tal-Kumpanija galadarba Robert Borg kien hadu lura din kienet risponsabbli ghal-impieg tieghu. Ma rrizultax li Robert Borg wissa lill-appellant biex ikompli jaghmel dak ix-xoghol inkella se jitkecca. Fil-fatt ma giex terminat l-impieg b'mod regolari izda billi gie avzat biex imur mal-kumpanija l-ohra. Ir-raguni li nghatat fic-Certifikat ta' Temm ta' l-Impieg kienet li Palm Court Ltd. m'ghadiex topera l-lukanda u ghalhekk ma kelliex htiega ta' Public Relations Officer u mhux li l-appellant irrifjuta xoghol li ghalih kien gie mpjegat. Dan mhux mod korrett li bih jigi terminat impieg.

Dan it-Tribunal kemm il-darba ghamel enfasi li tkeccija mill-impieg hu kastig estrem u mghandux jinghata jekk ma jkunx hemm ragunijiet mill-aktar serji. Ukoll li mpjegat ghandu jkun imwissi fuq xi nuqqas u li dan jista' jwassal ghal tkeccija.

Ghalkemm l-appellant, bl-agir tieghu, ikkontribwixxa ghat-terminazzjoni ta' l-impieg l-Kumpanija naqset li taghmel dawk il-proceduri rikjesti biex ikun hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi.

It-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens lill-appellant fl-ammont ta' Lm 1,000 (elf lira Maltin) fi zmien xaghar mid data tal-lum.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin)

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja